

31999L0041

8.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 172/38

**ID-DIRETTIVA 1999/41/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-7 ta' Ġunju 1999**

**li temenda d-Direttiva 89/398/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-oġġetti
ta' l-ikel għall-użu nutrizzjonali partikolari**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni tat-18 ta' Marzu 1999,

- (1) Billi l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE ⁽⁴⁾ jipprovdi li dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-gruppi ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jidhru fl-Anness I hemm mehmuż għandhom ikunu pprovduti permezz ta' Direttivi speċifiċi.
- (2) Billi s'issa Direttivi speċifiċi ġew adottati għall-formoli tat-trabi u formoli *follow-on* ⁽⁵⁾, għal ikel ipproċessat bażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi maħsub għal trabi u tfal żgħar ⁽⁶⁾ u ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis fil-piż ⁽⁷⁾; billi hemm raġunijiet li jirrelataw mas-saħħa pubblika għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/398/KEE, ta' ikel tad-dieta għal għanijiet mediċi speċjali u ikel maħsub li jikkompensa għal sforz muskulari intens, speċjalment għall-isportivi kif msemmi fl-Anness I li jinsab ma' dik id-Direttiva;
- (3) Billi, fil-każ ta' gruppi ta' ikel ta' sodji baxx, inkluż melħ b'sodju baxx jew ħieles mis-sodju, u ikel ħieles mill-*gluten*,

dawk il-prodotti jistgħu sodisfaċjentement jitqegħdu fis-suq u jkunu effiċjentement immonitorjati uffiċjalment taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva 89/398/KEE, sakemm il-kondizzjonijiet għall-użu ta' ċerti oġġetti użati biex jindikaw karatteristiċi partikolari ta' nutriment ta' prodotti jkunu definiti.

- (4) Billi t-tneħħija ta' dawk il-kategoriji mill-Anness I li jinsab mad-Direttiva 89/398/KEE tkun konformi ma' l-isforzi li qegħdin isiru biex tiġi evitata leġislazzjoni dettaljata wisq.
- (5) Billi mhux ċar jekk teżistix bażi adegwat biex jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi għall-grupp imsemmi fil-punt 9 ta' l-Anness I li jinsab mad-Direttiva 89/398/KEE, jiġifieri l-grupp ta' ikel maħsub għall-persuni li jkunu bagħtu minn disordnijiet tal-metaboliżmu tal-karboidrati (dijabete).
- (6) Billi għalhekk għandu jintalab parir minn, fost oħrajn, il-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel qabel ma ttehed deċiżjoni finali dwar il-kwistjoni.
- (7) Billi huwa għalhekk possibbli li fil-livell tal-Komunità jiġu armonizzati r-regoli applikabbli għall-gruppi oħra ta' oġġetti ta' l-ikel għall-użi partikolari ta' nutriment, fl-interess tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-moviment liberu ta' dawk l-oġġetti ta' l-ikel,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 89/398/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"L-Artikolu 4a

Regoli għall-użu tat-termini dwar

- it-tnaqqis jew nuqqas ta' kontenut ta' sodju jew melħ (*sodium chloride*, melħ tal-mejda),
- in-nuqqas ta' *gluten*,

li jistgħu jintużaw biex jiġu deskritti l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 13.

L-Artikolu 4b

Qabel it-8 ta' Lulju 2002, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar ix-xewqa ta' dispożizzjonijiet speċjali għall-ikel għall-persuni li jsufri minn għawż fil-metaboliżmu ta' karboidrati (dijabete).

⁽¹⁾ ĠU C 108, tas-16.4.1994, p. 17 u

ĠU C 35, tat-8.2.1996, p. 17.

⁽²⁾ ĠU C 388, tal-31.12.1994, p. 1.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ottubru 1995 (ĠU C 287, tat-30.10.1995, p. 104), il-Pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1997 (ĠU C 297, tad-29.9.1997, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 1997 (ĠU C 14, 19.1.1998, p. 123). Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 1999 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 1999.

⁽⁴⁾ ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 27. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/84/KE (ĠU L 48, tad-19.2.1997, p. 20).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE ta' Mejju 1991 dwar formuli tat-trabi u formuli *follow-up* (ĠU L 175, ta' l-4.7.1991, p. 35). Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 96/4/KE (ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 12).

⁽⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KEE tas-16 ta' Frar 1996 dwar ikel proċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u tfal żgħar (ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17).

⁽⁷⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KEE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub għal dieti ristretti ta' enerġija għat-tnaqqis fil-piż (ĠU L 55, tas-6.3.1996, p. 22).

Fid-dawl tal-konklużjoni ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha jew, skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 13, tipproċedi bit-tħejjija tad-dispożizzjonijiet speċjali konċernati jew għandha tippreżenta, skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 95 tat-Trattat, kull proposta xierqa għal emendi f'din id-Direttiva."

2. L-Artikolu 9(5) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Qabel it-8 ta' Lulju 2002, u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu."

3. L-Anness I għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-ANNEX I

— Gruppi ta' oġġetti ta' l-ikel għall-użi partikolari ta' nutriment li dwarhom dispożizzjonijiet speċjali għandhom ikunu pprovduti b'Direttivi speċifiċi ⁽¹⁾.

1. Formoli tat-trabi u formoli *follow-up*
2. Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u tfal żgħar
3. Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija ristretta għat-tnaqis tal-piż
4. Ikel ta' dieta għal skopijiet mediċi speċjali
5. Ikel maħsub biex jikkompensa għal sforz muskolarari intens, speċjalment għall-isportivi;

— Gruppi ta' oġġetti ta' l-ikel għall-użi partikolari ta' nutriment li għalihom dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu pprovduti b'Direttiva speċifika ⁽¹⁾, skond ir-riżultat tal-proċedura deskritta fl-Artikolu 4b:

6. Ikel għall-persuni li jbatu minn disordnijiet ta' karboidrati fil-metaboliżmu (dijabete).

⁽¹⁾ Huwa mifhum li prodotti ġia fis-suq meta din id-Direttiva tiġi adottata m'għandhomx jiġu effettwati biha."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-8 ta' Lulju 1999. Għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bihom.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati b'dak il-mod illi:

- jippermettu n-negozju fi prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-8 ta' Lulju 2000;
- jipprobbixxu negozju fi prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva sat-8 ta' Jannar 2001

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir ir-referenza għandhom jitniżżlu mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-7 ta' ta' Ġunju 1999.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. M. GIL-ROBLES

Għall-Kunsill

Il-President

E. BULMAHN